# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

### Seduta ta’ nhar it-Tnejn 31 ta' Jannar 2000

**Numru 56**

**Citaz. numru 473/87 DS**

**Emmanuel Chircop**
**vs**
**Carmelo Bugeja**

Illum, 31 ta’ Jannar 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-10 ta’ Gunju 1987 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi:

1. L-attur inkariga lill-konvenut biex iqieghed il-madum fil-fond ta' l-attur, liema ,afum gie fornit mill-istess konvenut;

2. Illi x-xoghol ta' tqeghid u forniment ta' madum ma sarx skond l-arti u s-sengha kif jidher mill-anness Dok. "A", ghax il-konvenut qieghed il-madum mhux ta' l-istess kulur u tip;

talab lil din il-Qorti ghar-ragunijiet imsemmija:

1. Tiddikjara li x-xoghol ta' tqeghid u forniment ta' madum li ghamel il-konvenut ma sarx skond l-arti u s-sengha, prevja n-nomina ta' perit minn din il-Qorti;

2. Tikkundanna lill-konvenut jaghmel ix-xoghol nrcessarju okkorrendo jaqla' l-madum kollu, u jerga' jqieghed madum gdid skond l-arti u s-sengha taht id-direzzjoni ta' perit imsemmi;

3. u dan fii-terminu qasir u oerentorju li tiffissalu din il-Qorti;

4. u fin-nuqqas tawtorizza lill-attur jaghmel ix-xoghol ta' tqeghid u forniment ta' madum hu stess a spejjes tal-konvenut.

Bl-ispejjes komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

Preliminarjament illi t-talbiet tal-attur kif proposti huma irritwali peress illi r-rapport giuridiku bejn il-kontendenti kien wiehed ta' bejgh ta' kwantita' ta' madum bi prezz miftiehem.

Inoltre u kongiuntament mal-premess l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-Artikolu 1481 tal-Kodici Civili.

Fil-meritu u bla pregudizzju ghall-premess illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat is-sentenza preliminari moghtija fit-8 ta’ Marzu 1989 li permezz taghha giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u deciz li n-negozju bejn il-kontendenti kien wiehed ta’ appalt;

Rat id-digriet tal-5 ta’ April 1989 fejn gie nominat l-A.I.C. M’Angelo Refalo bhala perit tekniku biex ifittex u jirrelata dwar it-talba jew it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fil-5 ta’ Dicembru 1994;

Rat id-digriet tal-24 ta’ Frar 1995 fejn, fuq talba tal-konvenut, gew nominati bhala periti addizzjonali l-A.I.C. David Pace, l-A.I.C. Albert Borg Costanzi u l-A.I.C. Rene Buttigieg;

Rat ir-relazzjoni minnhom mahlufa;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Dwar it-tieni eccezzjoni: Il-konvenut jirreferi ghall-preskrizzjoni skond l-artikolu 1481 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jipprovdi ghall-garanzija fil-bejgh ta' wirt u ghalhekk huwa rrilevanti ghall-kaz. Probabilment il-konvenut ried ifisser l-artikolu 1431 li jipprovdi ghall-preskrizzjoni ta' l-*actio redhibitoria* u l-*actio aestimatoria*. L-artikolu 1431 huwa l-ex artikolu 1481 qabel ma giet pubblikata l-edizzjoni riveduta tal-ligijiet ta' Malta li gew fis-sehh fl-1 ta' Jannar 1984. Issa c-citazzjoni giet ipprezentata fl-10 ta' Gunju 1987. Ghalhekk l-artikolu vigenti, cioe' l-artikolu 1481 kif ikkwotat fl-eccezzjoni mhuwiex applikabbli. U fi kwalunkwe kaz, l-artikolu 1431 xorta huwa inapplikabbli galadarba gie diga' deciz li n-negozju bejn il-kontendenti kien wiehed ta' appalt u mhux ta' bejgh.

Dwar il-mertu: Mill-provi jirrizulta li l-kontestazzjoni hija dwar il-kwalita' ta' materjal supplit kif ukoll dwar il-mod kif tqieghed il-madum fis-sens illi l-kulur tal-bicciet tal-irham (marmettone) kienu jvarjaw minn maduma ghall-ohra.

Mix-xiehda ta' l-attur jirrizulta illi dan l-istat ta' fatt huwa nduna bih wara l-ghorik tal-madum ghalkemm gieh suspett meta l-kovenut ta struzzjonijiet lill-haddiema tieghu biex jissperaw il-materjal waqt il-konsenja tieghu. Il-konvenut xehed illi meta gie mistoqsi dwar dan huwa kien avza lill-attur illi jista' jkun hemm varjazzjoni fil-kulur tal-irhama minn maduma ghall-ohra izda huma normalment jippruvaw jippareggjaw kemm jista' jkun. Huwa kkonferma illi l-ilment tal-attur sar wara t-tghorik tal-madum.

L-attur xehed illi "taht it-tarag kien ahdar u tal-verandi zewg kuluri differenti." Wara li saret laqgha fuq il-post fejn kienu prezenti l-kontendenti, l-agent tal-irham Charles Pace Gasan, u l-fornitur Taljan, l-agent Malti kkonkluda li din il-varjazzjoni kienet haga naturali fl-irham u kkonvinca lill-konvenut sabiex inehhi xi madum u jissostitwieh; il-fornitur Taljan skond ix-xiehda tal-istess, wieghed lill-attur kolonna tal-irham.

Ghalkemm mix-xiehda tal-konvenut u tal-agent Malti jidher li m'hemmx kontestazzjoni dwar l-ezistenza tal-varjazzjoni fil-kulur tal-bicciet tal-

irham minn maduma ghall-ohra, m'hemmx qbil dwar il-kawza ta' dan izda illi din kienet haga mhux abnormali u li varjazzjoni xi ftit jew wisq ikun hemm.

Waqt l-access mizmum mill-ewwel perit tekniku, l-attur illimita l-ilment tieghu ghall-madum tal-pjan terren u ssottometta li f'dan is-sular ta' isfel ma kienx lest li jaccetta l-madum.

L-ewwel perit tekniku kif ukoll il-periti addizzjonali qablu illi l-varjazzjoni lmentata fil-madum tal-pjan terren ma kienx ikkawzat mill-umdita'. Hawn issir referenza ghall-osservazzjonijiet ta' l-ewwel perit tekniku fir-relazzjoni tieghu a fol. 109 u 110 tal-process u tal-periti addizzjonali fir-relazzjoni taghhom a fol. 150 tal-process.

Issa skond il-periti addizzjonali l-konvenut kien ghaqli meta pprova jippariggja t-tonalita' kamra kamra nonostante l-varjazzjoni. Din ir-riflessjoni ma tistax tiskolpa lill-konvenut meta fil-fatt ir-rizultat xorta baqa' mhux soddisfacenti. Difatti l-istess periti jikkonkludu li l-madum fornut mill-konvenut ma kienx ta' kulur wiehed kemm fil-kulur kif ukoll tal-mastique, liema madum skond l-attur kif minnu ordnat kellu jkun ta' kulur wiehed. Pero' jkomplu li huma ta' l-opinjoni li f'firxa kbira ta' madum huwa possibbli biss li ambjenti individwali jkunu hekk forniti billi l-madum jvarja fil-kulur min-natura tieghu u huwa impossibbli li l-ambjenti kollha jkunu ta' kulur wiehed. Ghalhekk irrakkomandaw li, filwaqt li l-madum tat-tromba/entrata ghandu jinqala' kollu billi jvarja hafna fil-kulur, l-istess madum maqlugh ghandu jigi uzat biex jissostitwixxi madumiet singoli fl-ambjenti l-ohra tal-pjan terren fejn dan ivarja hafna fil-kulur.

L-attur fin-nota tieghu tas-17 ta' Marzu 1999 ikkritika din il-konkluzjoni peress li sostna li mhux possibbli li madum tal-irham jinqala' minn postu shih u integru bix-xfar mhux mittifsin u jintuza biex jissostitwixxi madum iehor li wkoll irid jinqala' minghajr ma "jhoss" il-madum l-iehor tal-madwar.

Il-periti addizzjonali jsostnu li s-soluzzjoni minnhom suggerita hija possibbli, li ghandha ssir taht is-sorveljanza ta' perit tekniku u l-konvenut ghandu jindika lill-perit liema madum fil-kmamar fil-pjan terren jinbidel u dan, flimkien mal-madumiet li ser jigu mizjuda ghandhom jigu approvati mill-istess perit li jrid japprova wkoll is-sample ghall-madum gdid tat-tromba entrata.

Il-Qorti m'ghandha l-ebda diffikulta' li takkolji dak li ssuggerew il-periti addizzjonali peress li se jigi nominat wiehed minnhom biex jassigura li x-xoghol isir skond is-sengha u l-arti u naturalment ghalhekk dan irid jassigura wkoll li ma jigrix dak li l-attur jibza' li jista' jigri u li bir-ragun kollu jghid li ma jkunx accettabbli. F'kaz li jirrizulta li l-madum tajjeb biex jerga' jintuza fl-ambjenti l-ohra tal-pjan terren mhuwiex sufficjenti, il-konvenut ikollu juza madum gdid li kun ukoll approvat mill-perit tekniku.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad ukoll it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici, u

(1) tiddikjara li x-xoghol ta' tqeghid u forniment ta' madum li ghamel il-konvenut ma sarx kollu skond l-arti u s-sengha,
(2) tikkundanna lill-konvenut jaghmel ix-xoghol necessarju skond kif provdut fir-relazzjoni tal-periti addizzjonali u kif provdut anke fil-paragrafu precedenti, liema xoghol irid isir taht id-direzzjoni ta' l-A.I.C. Rene' Buttigieg li qed jigi nominat ghal dan l-iskop,
(3) tikkundanna lill-konvenut biex jaghmel ix-xoghol necessarju fi zmien sitt xhur millum,
(4) fin-nuqqas tawtorizza lill-attur jaghmel ix-xoghol ta' tqeghid u forniment ta' madum hu stess a spejjez tal-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF**
**DOTTOR DAVID SCICLUNA**

**GRAZIO GALEA**
**D/REGISTRATUR**